Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Numru 308/1999

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
OLIVER DEMICOLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Oliver Demicoli ta' 25 sena, bin Lucio u Judith nee Nappa, imwieled Pieta fil-5 ta' Far 1974 u joqghod 95, St Michael Street, B'Bugia numru tal-karta tal-identita 148774M talli fil-31 ta' Jannar 1999 ghal habta tas-1am gewwa Paceville, f'San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alexander Borg, skond ma ccertifika it-Tabib Dr Stephen Muscat MD u dan bi ksur tal-artikolu 214 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u

dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tsita ssib il-htija.

Rat il-kunsens tal-imputat  tal-14 ta' Gunju 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tad-difiza tat-22 ta' Lulju 2003.

Rat illi l-prosekuzzjoni baqghet inadempjenti.

Ikkunsidrat:-

Ili mill-provi imressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi group ta' zaghazagh marru r-Roulette Bar Paceville f'data u hin citat fl-akkuza. Dawn kienu Stephen Caruana, Alexander Borg, Edward Grech u t-tfajla Donna u xi erbgha ohra (ara xhieda a fol 6 sa 12).

Stephen Caruana xehed illi f'hin minnhom ra lil shabu hergin sparati mill-bar u hareg warajhom, mar fuq Alexander sive Sandro Borg u fil-pront hareg l-imputat u beda joffendi lil Sandro u Stephen Caruana. Xehed illi beda jipprova jferraqhom izda l-imputat xejjer daqqa ta' ponn f'wicc Sandro li deher b'wiccu kollu demm b'ticrita kbira fejn halqu. Caruana ma innota xejn f'id l-imputat u qal illi l-qasma li kellu Sandro f'wiccu kienet dritta u ma kellux ticriet.

Edward Grech (fol 13 sa 16) xehed ili huwa kien r-Roulette Bar ma shabu meta f'daqqa wahda zvojta il-Bar. Hareg jigru l-barra u n-nies qalulu li kien wegga Sandro u fil-fatt rah b'halqu kollu demm. Xhed illi Sandro kien

rrabjat li pprova jhebb ghall-imputat izda gie mrazzan minn shabu.

Donna Jane Zammit (ara fol 17-19) kkorroborat dak li xehed l-gharus taghha Edward Grech fejn l-anqas hija ma rat l-incident jsehh izda rat lil Sandro Borg b’wiccu mimli demm.

Spettur Pierre Micallef Grimaud (fol 20) ippresenta l-istqarrija tal-imputat (Dok PMG).

F’din l-istqarrija l-imputat jsostni illi dakinhar huwa kien Paceville mat-tfajla tieghu Lenise u dahlu r-Roulette Bar xi 12.30am

Illi waqt li kienu ghall-affari taghhom jiehdu drink, guvni ghadda min quddiemhom u hares bl-ikrah lejhom huwa u sejjer lejn it-toilets.

Kif hareg u wasal hdejhom waddab banketta lejhom.

L-imputat talab lil Lenise tghidlu kienx hemm raguni ghal dan l-agir u Lenise qaltlu li dan il-guvni kellu grazzja maghha izda hija qatt ma kienet harget mieghu u talbitu biex jitilqu ‘l hemm.

L-imputat qal li kien bi hsiebu jixrob d-drink li kellu u jitlaq izda fi zmien ftit sekondi dan l-guvni rega ghadda quddiemhom lejn it-toilets u l-imputat ddecieda li jkellem li siehbu biex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

Illi meta dan mar jghaddi il-messagg l-guvni ffastidut beda jirressisti lil siehbu qabad fliexkun u waddbu fid-direzzjoni tal-imputat u Lenise.

Fil-pront intervenew il-pulizija u bdew jitkellmu mal-imputat, waqt li z-zaghazugh l-iehor qabad stikka tal-billiard li giet mehuda minn jdejh u gie imkecci mill-bar. S-security wara ftit taw parir lill-imputat biex jmur bil-kwiet izda meta hareg mill-bar sab lil dak il-guvni jinstennieh barra b’xi haga f’idu.

L-imputat dar jigri ma karozza, rnexxielu jaqleb lill-aggressur tieghu mal-art u tah daqqa ta’ sieq f’gembu.

L-imputat innega li kellu xi haga f’idejh. Innega wkoll li tah xi daqqa f’wiccu meta kien barra ir-Roulette Bar.

Alexander Borg a fol 36 sa 42 xehed illi huwa kien fir-Roulette Bar f’Paceville fil-lejl tal-inicdent. Ili f’dan il-bar kien hemm l-imputat mat-tfajla li kien jaf. Tkellem maghha imbaghad mar sat-toilets. Meta gie lura l-imputat ghaddielu xi kumment li ma jiftakarx x’kien, izda jimmagina li kienu indirizzati lejh. Mar ghas-sodisfazzjon u kienu ser jigu fl-idejn. Hemmhekk intervjenew s-security u ordnawlu johrog il-barra.

Illi meta hareg barra, hareg mieghu l-imputat, imbuttah u xejjirlu daqqa ta’ ponn u qasamlu halqu, kissirlu snienu ta’ quddiem u carratlu ilsienu. Sostna illi din kienet sinna li qatt ma kienet taghtu problemi qabel. Xehed wkoll illi minkejja li fil-bidu kellu problema kif ilissen il-kliem. Illum l-gurnata jitkellem bla ebda problema. Sostna li ghalkemm huwa hafer lill-imputat xtaq li ssir gustizzja.

Dr Stephen Muscat (fol 48 sa 50) xehed illi kien ddahhal Alexander Borg b’ticrita kbira f’wiccu li kienet tinvolvi l-ilsien wkoll u ghalhekk kellu jsir intervent kirurgiku minn plastic surgeon.

Kklassifika kien il-gerha bhala gravi stante li fil-wicc dejjem thalli scar. Xehed illi l-griehi kienu kompatibbli ma xi haga li taqta hafna u kien kompatibbli ma waqa fuq hgieg espost.

Catherine Cachia (fol 57) xhedet illi hija kienet presenti fir-Roulette Bar Paceville u Andrey Zahra qaltilha li gara xi haga lil wiehed minn shabhom u fil-pront rat lil Alexander Borg jigi skortat il-barra mill-Bar.

Hija qaghdet hdejn Borg biex tikkalma u fil-pront gie Oliver Demicoli u dan u Alexander Borg bdew jargumentaw.

L-argument sahan u hija, Lenise Abela u Stephen Caruana bdew jipprovaw jzommu lil Alexander Borg.

F’hin minnhom Catherine Cachia rat “gejja daqqa ta’ ponn” da parti tal-imputat u Alexander Borg spicca mal-art b’halqu mimli demm.

Catherine Cachia ma rat xejn f’idejn Oliver Demicoli.

Illi mix-xhieda tal-Kirurgu Briffa (fol 11) jirrizulta illi huwa kien il-kirurgu li ghamel l-intervent fuq Alexander Borg. Xhed ili il-griehi huma ta’ natura gravi ghaliex il-ferita fil-wicc kienet ser tibqa u tikkonsisti fi sfregju. Illi apparti dan kien hemm ferita estensiva f’ilsien li kkawza ammont ta’ dmija li pperikolat in-nifs ghax seta kien hemm aspiration tad-demm.

Il-kirurgu Briffa xehed illi il-qasma saret “b’xi haga li taqta zgur. It was a clean out.”

Briffa eskluda li setghet saret permezz ta’ snien Alexander Borg innifsu. Dan rega tennieh fix-xhieda tieghu a fol 120 et seq. Illi Kirurgu Briffa ma eskludiex pero illi tali griehi setghu graw b’ konsegwenza ta’ waqa fuq hgieg (ara fol 121).

PS1451 xehed illi (fol 126 sa 132) gie imsejjah minn sid ir-Roulette Bar minhabba li xi hadd qaleb banketta fil-bar. Illi ghalhekk huwa hareg in-nies l-barra mill-bar.

Wara xi hames minuti rega ghajjtilhom ghaliex kienet inqalghet kommozzjoni barra l-hanut. Illi meta rega mar PS1451 sab illi kien hemm persuna midruba u sejjah l-ambulanza waqt li ta’ istruzzjonijiet sabiex jitnizzel l-ghassa l-aggressur.

Is-surgent ma seta jaghraf lil hadd li kien involut f’dan il-kaz mixhut u l-anqas ma seta jiftakar jekk Alexander Borg kien hedded jew hebb ghall-imputat b’stikka tal-Billiard.

PC1310 Bugeja xehed (ara fol 133-139) illi huwa kien stazzjonat l-SAG f’Paceville fil-lejl in kwistjoni u li kienu

gew infurmati illi xi hadd qala daqqa f'wiccu, sabu persuna b'wiccu mimli dmija u cemplu ghall-ambulanza.

Xehed illi l-persuna li indarbet kienet indikat lill-persuna ohra bhala l-aggressur u dan gie mehud l-ghassa tal-pulizija.

L-anqas PC1310 ma ftakar illi l-imputat qalilhom illi Alexander Borg kien hebb ghalih b'stikka tal-Billiard.

Oliver Demicoli xehed (dol 140 sa 161) illi Alexander Borg kien habat tlett darbiet ghalih u meta dahlu l-pulizija u hu (l-imputat)  kien qam jiddefendi lilu innifsu, Borg waddab fliexkun. Illi sahansitra l-pulizija kien zammu u keccew lil Borg il-barra, u li l-istess Borg kien qed jigi mrazzan minn shabu stess. Minkejja dana kollu xorta qabad stikka tal-Billiard.

L-imputat kkonferma l-istqarrija tieghu u rega tenna l-istess versjoni. Kif hu mar jikkonferma ma habib ta' Borg l-versjoni li tat Lenise u cioe li hija qatt ma kienet harget ma Borg izda li dan kellu grazzja maghha. Kif beda Borg bil-hars ikrah, kif qaleb l-banketta, kif tefa l-fliexkun, kif gie imkecci mill-hanut, kif rega habat ghalih barra mill-hanut, u beda jigri warajh kif imbaghad ddefenda ruhu billi tah daqqa ta' sieq, kif shabu bdew jipprovaw jrazznuh il-hin kollu u kif sahansitra qabad stikka tal-Billaird ghalih.

PC1215 Camilleri xehed li huwa gie imsejjah biex jiskorta persuna l-ghassa ta' San Giljan. Lill-imputat ma gharfux.

Lenise Abela a fol 172 xhedet illi hija kienet harget mal-imputat xi darbtejn u f'okkazzjoni minnhom kienu marru r-Roulette Bar fejn kien hemm Sandro Borg.

Hija kienet taf lil Borg u dan ghadda biex jmur sat-toilet u meta irritorna waddab banketta lejn saqajn Lenise u l-imputat. Wara dan rega ghadda u qabad tazza u tefaghha u infaqghet mal-hajt. Bdew jilletikaw Borg u l-imputat. Illi min hemm il-pulizija hargu lil kullhadd il-barra fejn qalghu paniku shih.

Imbaghad regghu bdew jilletikaw l-impuat u Sandro barra u “Sandro waqqaf lil Owen u bdew jiggieldu. Imbaghad ma nafux x’gara.” (fol 175)

Xehdet illi waqt li kienu jilletikaw Sandro qabad stikka tal-Billiard ghall-imputat.

Lenise xhedet illi wara dana kollu rat lil Borg b’wiccu mimli demm.

Lenise ma setghetx tghid minn beda jiggieled barra mill-hanut minhabba l-gegwigija li inqalghet.

Xehed illi Oliver Demicoli ma weggax fl-incident u l-anqas hwejjgu ma tqattghu.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti huwa evidentissimu illi Alexander Borg kien il-persuna li pprovoka u qanqal l-incident meritu tal-kawza.

Illi l-maniera pwerili li bih attenta li joskura kif inqala l-incident ma ghandu ebda kredibilita u mhux supportat minn xhieda okkulari.

Illi huwa ovvju illi Borg kien infatwat ma Lenise Abela li kienet qed tohrog mal-imputat u rvella meta raha ma guvni iehor.

Illi dak li huwa inkontestat hu li Borg xehet banketta fid-direzzjoni ta’ Lenise u l-imputat u gie imkecci mill-bouncers u l-pulizija. Illi din il-Qorti ghandha dubbji serji jekk intefitx tazza jew fliexkun wkoll fid-direzzjoni taghhom. Dak li mhux kontestat pero huwa li agir ghaqli kien jiddetta li l-imputat, Lenise jitilqu mill-post meta rat l-agir provokattiv ta’ Borg u mhux li jibqghu jixorbu d-drink li kellhom. Din il-Qorti bla dubbju ta’ xejn rat illi l-agir hazin ta’ Borg jikkwalifika ghall-provokazzjoni kif tenut fil-ligi.

Il-Qorti wara li rat u ezaminat t-testimonjanza rakkolta f’dan il-kaz hija tal-fehma ili kuntrarjament ghal dak li

tenna l-imputat, kien l-istess imputat li ta daqqa ta' ponn f'wicc Alexander Borg b'konsegwenza li huwa waqa mal-art. Kenitx daqqa ta' ponn, kenitx il-waqa fuq il-hgieg li seta kien hemm l-art, din il-Qorti tara li hemm nexus mhux interrott tal-agir tal-imputat fuq Borg li jsarraf fi sfregju gravissimu f'wicc Borg.

Illi dan l-agir tal-imputat li wassal ghal sfregju serju u permanenti  f'wicc Borg ma jista b'ebda mod  tikkwalifika taht self defence. Pjuttost tikkwalifika taht sens ta' machismo u irgulija spustata.

Demicoli u Lenise kellhom diversi alternattivi, setghu per ezempju talbu il-protezzjoni tal-pulizija jew tal-bouncers stess biex jigu skortati barra bil-kwiet u b'hekk kien jigi skansat il-gwaj kollu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u wara li rat Art 214, 215, 216(1)(b), 28A, 227 u 230 tal-kap 9 u tikkunsannah ghal sentejn prigunrija sospizi ghal erba snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------